**IR-RANDAN** hu żmien li fih nimxu fid-dinja "ta' ġewwa", fejn nidħlu fil-kuxjenza u naraw lilna nfusna kif aħna: quddiem Alla, mal-proxxmu u naraw jekk infittxux il-ġid tassew tagħna nfusna. Iċ-ċkejken prinċep fil-Ktieb ta' Saint-Exupéry mar fuq pjaneta fejn kien jgħix sultan waħdu. Billi ried jagħmlu ministru tal-ġustizzja u nies ma kienx hemm, is-sultan qallu:

> "Mela iġġudika lilek innifsek. Din hi l-iktar diffiċli. Huwa ferm itqal tiġġudika lilek innifsek milli tiġġudika lil ħaddieħor. Jekk jirnexxilek tiġġudika lilek innifsek tajjeb, tkun għaref tassew."

## L-Erbgħa 17 ta' Frar: L-ERBGĦA TAL-IRMIED



(Fil-quddies kollu ssir il-funzjoni tal-Irmied. Hu jum ta' sawm għal dawk bejn it-18 u d-59 sena u astinenza għal dawk minn 14–il sena 'l fuq).

5:00pm Quddiesa.
6:00pm Laqgħa ta' talb 'Dun Mikiel Attard' immexxija minn Kan. Dun Reuben Micallef, fil-knisja. Tkun imxandra dirett fuq *Mnarjalive*.
6:30pm Konċelebrazzjoni bis-sehem tat-tfal u l-familji.
7:30pm Quddiesa għal kulħadd, bis-sehem tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

### MIS-SEGRETARJU TAL-ĠNUS MAGĦQUDA

"L-umanità ddikjarat gwerra man-natura. Din hija azzjoni suwiċida. In-natura dejjem tirreaġixxi jekk teħodha kontriha. U diġà bdiet tirreaġixxi bil-qawwa u l-qilla." (Antonio Guterres, f'diskors fl-Universtià ta' Kolumbja fi New York)

## Ittra tal-Papa dwar San Ġużepp u l-figura tal-missier:

F'Diċembru li għadda l-Papa Franġisku bagħat ittra fl-okkażjoni tal-150 sena mindu San Ġużepp ġie proklamat patrun tal-knisja universali. L-ittra titkellem fuq il-virtujiet ta' San Ġużepp u dwar kif għandhom iġibu ruħhom il-missirijiet. Xi sentenzi tal-Papa:



"Ġużeppi għallem lil Ġesù jkun ubbidjenti għall-ġenituri."

"Minkejja l-arroganza u l-vjolenza tal-qawwiet tad-dinja, Alla dejjem isib mod kif iwettaq il-pjan tiegħu ta' salvazzjoni."

"Il-missirjiet ma jitwildux, imma jsiru. Raġel ma jsirx missier sempliċiment billi jġib tarbija fid-dinja, imma billi jieħu fuqu r-responsabilità li jieħu ħsieb it-tarbija."

"Il-loġika tal-imħabba hija l-loġika tal-libertà."

**SENA ĊENTINARJA - 18:** Dwar il-preżenza tas-Saċerdot fil-praesidia l-manwal ikompli li dan "jista' jkun mezz qawwi f'idejh biex ftit ftit jiġbed lejh il-kooperazzjoni tal-lajċi għax-xogħol tal-evanġelizzazzjoni tal-bnedmin fdati f'idejh".

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am